# FIT-TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D.
SEDUTA TA' NHAR IL-HAMIS, 17 TA' OTTUBRU, 1996

Avv Nru.358/96

Eden Leisure Group Limited

vs

Articraft Creative Services Ltd.

It-Tribunal;

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-2 ta' Awissu, 1996, fejn intalab il-hlas ta' Tlieta u erbghin Lira Maltija u tmienja u disghin centezmu, (Lm43.98), dovut mis-socjeta' konvenuta lis-socjeta' attrici ghall-servizzi ta' reklamar provduti fuq Bay Radio, liema ammont hija naqset li thallas minkejja li giet mitluba diversi drabi;

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra bonarja tal-20 ta' Marzu, 1996, tal-ittra ufficjali tal-10 ta' Mejju, 1996, kontra s-socjeta' konvenuta nguntа ghas-subizzjoni;

Ra li s-socjeta' konvenuta debitament notifikata baqghet ma ppresentatx risposta fir-rigward, u lanqas ma deher rappresentant taghha;

Semgha lil Dr Anthony Cutajar, li kkonferma li l-ammont intier ghadu dovut;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

In vista tal-fatt illi jirrizulta li l-pagament mitlub ghadu ma sarx u hu dovut;

It-Tribunal jiddeciedi billi jilqa t-talba tas-socjeta' attrici u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici l-ammont ta' Tlieta u erbghin Lira Maltija u tmienja u disghin centezmu, (Lm43.98), kif fuq inghad;

L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk tal-ittra bonarja tal-20 ta' Marzu, 1996, u tal-ittra ufficjali tal-10 ta' Mejju, 1996, ghandhom jigu sopportati interament mis-socjeta' konvenuta skond il-Ligi.

Avv Joseph Refalo
Gudikatur

Vera kopja fotostatika
Dep. Reg.